L-Università ta' Malta

MATSEC
Examinations Board



# Ir-Rapport tal-Eżaminaturi

Malti ĊES

**Sessjoni Prinċipali 2024**

IL-WERREJ


A. INTRODUZZJONI ..... 2

B. L-ISTATISTIKA TAR-RIŻULTATI ..... 2

Ċ. L-EWWEL KARTA ..... 2

L-Ewwel Karta – L-Oral ..... 2

L-Ewwel Karta – Il-Kitba ..... 3

L-Ewwel Taqsima: Il-Komponiment ..... 3

It-Tieni Taqsima ..... 7

It-Tielet Taqsima – Il-Grammatika ..... 8

Ir-Raba’ Taqsima – Ir-Rapport ..... 8

Il-Ħames Taqsima: L-Ittra/l-Email ..... 9

Kumment Generali: ..... 10

D. IT-TIENI KARTA A ..... 10

L-Ewwel Taqsima: Referenza għall-Kuntest (Il-Poeżija) ..... 10

It-Tieni Taqsima: Referenza għall-Kuntest (Il-Proża) ..... 11

It-Tielet Taqsima: Il-Komponimenti Letterarji *(Bejn Ħaltejn)* ..... 12

Ir-Raba’ Taqsima: Il-Komponiment Letterarju *(Il-Ħarsa ta’ Rużan)* ..... 14

Kummenti Ġenerali ..... 15

E. IT-TIENI KARTA B ..... 15

Referenza għall-Kuntest (Il-Poeżija) ..... 16

Referenza għall-Kuntest (Il-Proża) ..... 17

Il-Komponimenti Letterarji ..... 17

F. KONKLUŻJONI ..... 19

## A. INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport deskrittiv huwa ġabra ta' kummenti. Xi wħud mill-kummenti ilhom jidhru fir-rapporti tas-snin ta' qabel. Hawnhekk qed jerġgħu jidhru sabiex nenfasizzaw il-fatt li l-eżaminaturi qed isibu l-istess karatteristiċi minn sena għal oħra. Jiġifieri, dan ir-rapport iżomm f'moħħu r-rapporti ta' snin ta' qabel. Jitratta l-punti tajbin u l-punti dgħajfin li dehru fil-karti tal-eżami.

## B. L-ISTATISTIKA TAR-RIŻULTATI

Iċ-ċifri ta' hawn taħt juru d-distribuzzjoni tal-gradi għas-sessjoni ewlenija tal-2024, u wieħed jista' jqabbilhom ma' dawk ta' xi snin ta' qabel billi jirreferi għar-rapporti tal-eżaminaturi tal-Malti fil-Livell taċ-ĊES ippubblikati fis-snin li għaddew.

| GRADE | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | U | ABS | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **PAPER A** | 152 | 485 | 556 | 481 | 297 | 0 | 0 | 195 | 25 | 2191 |
| **PAPER B** | 0 | 0 | 0 | 328 | 245 | 141 | 152 | 729 | 182 | 1777 |
| **NUMBER OF CANDIDATES** | 152 | 485 | 556 | 809 | 542 | 141 | 152 | 924 | 207 | 3968 |
| **% OF TOTAL** | 3.8 | 12.2 | 14.0 | 20.4 | 13.7 | 3.6 | 3.8 | 23.3 | 5.2 | 100 |

*Tabella 1: Distribuzzjoni tal-marki għaċ-ĊES Malti fis-Sessjoni Prinċipali ta' Ġunju 2024*

## Ċ. L-EWWEL KARTA

L-istudju tal-Malti f'dan il-livell għandu jwassal lill-kandidati biex iħaddmu l-lingwa miktuba b'mod indipendenti u profiċjenti. Ħakma tajba tfisser li jifhmu u jikkomunikaw b'mod produttiv u effiċjenti, u japprezzaw sfumaturi differenti ta' tifsir. U b'dawn il-ħiliet jaslu jiktbu kulma jkollhom bżonn fis-soċjetà adulta: komponimenti immaġinattivi, esejs ta' diskussjoni, artikli ta' tagħrif b'arranġament ta' dettall, deskrizzjonijiet preċiżi, rapporti meqjusa, emails u ittri formali b'messaġġi, u kull kitba kontinwa li jeħtieġu fid-dinja tal-lum. L-għarfien tal-grammatika jgħin f'dan il-proċess kollu biex il-kandidati jkollhom livell akkademiku xieraq fil-kitbiet kollha tagħhom. Meta ngħidu "livell xieraq" nifhmu l-livell tal-aħħar sena tas-sekondarja li jħaddan fih l-użu funzjonali tal-lingwa li titqies bħala strument ta' interazzjoni soċjali. Dan l-eżami, għalhekk, jistenna li l-kandidati jinqdew bil-lingwa b'mod effiċjenti sabiex jikkomunikaw ma' ħaddieħor f'ambjent uman.

### L-Ewwel Karta – L-Oral

L-Oral tal-Malti fil-Livell taċ-ĊES jeżamina l-ħiliet tal-Malti fl-istat ta' produzzjoni, fl-istat riċettiv, u fl-istat interattiv. Jiġifieri, il-kandidati riedu (wara ftit minuti ta' preparazzjoni) jaqraw b'vuċi għolja silta mhux letterarja ta' madwar 80 kelma, jisimgħu silta oħra ta' 100 kelma (moqrija mill-eżaminatur) u jwieġbu xi mistoqsijiet tax-xejra 'multiple choice' fuqha, imbagħad jidħlu f'żewġ diskussjonijiet fuq temi kurrenti u kulturali mal-eżaminatur. Dan ifisser li l-kandidati riedu jitkellmu l-ħin kollu matul l-eżami tal-oral. Fil-biċċa l-kbira tagħhom il-kandidati marru tajjeb ħafna u kisbu marki xierqa. Fl-Oral, il-kandidati jridu juru li huma għandhom ħila għal ftit minuti jitkellmu bil-Malti biss u b'mod relevanti mingħajr l-għajnuna ta' xi lingwa oħra.

# L-Ewwel Karta – Il-Kitba

## L-Ewwel Taqsima: Il-Komponiment

### *Is-suġġetti tal-komponimenti*

Il-kandidati ngħataw erba' suġġetti biex jagħżlu wieħed u jiktbu 350 kelma fuqu. Ix-xejriet tas-suġġetti kellhom ikunu hekk:

| Is-suġġett | Il-komponiment ried ikun |
|---|---|
| Il-gwerra soluzzjoni ? Iddiskuti. | argumentattiv |
| Ikteb rakkont li jispiċċa: "B'xorti tajba ma kontx waħdi dakinhar!" | narrattiv |
| L-ikel li nieklu. | espożitorju, argumentattiv |
| Waqt avveniment mużkali kbir. Iddeskrivi. | deskrittiv |

L-istess bħal fis-snin ta' qabel kien hemm għadd ta' komponimenti b'livell tajjeb ta' kitba, li juru kandidati b'ħakma tajba tal-Malti miktub u li jirrifletti l-espożizzjoni tagħhom għall-Malti mitkellem tajjeb u għall-qari ta' ġeneri differenti ta' kitba. Tinħass ukoll il-kunfidenza u l-oriġinalità fil-kitba li hija riżultat ta' prattiċi tajba fit-tagħlim tal-kitba. L-eżaminaturi nnutaw li l-livell qiegħed dejjem kulma jmur jitjieb fl-kandidati li joqogħdu għal karta 2A.

Mill-banda l-oħra, l-eżaminaturi nnutaw li l-livell qiegħed dejjem kulma jmur, jinżel, fl-kandidati li joqogħdu għal karta 2B. Hawn iltaqgħu ma' għadd ta' komponimenti batuti f'kull qasam; jiġifieri, fis-sintassi, fl-ortografija, fil-grammatika, fil-punteġġjatura, fil-vokabularju, fl-istruttura, u l-bqija. Deher ċar li xi kandidati batew biex jiktbu u jesprimu ruħhom bil-Malti. Mhux dejjem kien hemm ċarezza fil-ħsieb, u bosta kienu dawk id-drabi meta ma kienx hemm rabta bejn idea u oħra fl-istess paragrafu. Inħass ukoll il-fatt li ħafna kandidati ma jagħmlux distinzjoni bejn il-Malti miktub u l-Malti mitħaddet. Deher faqar ġenerali tal-ideat fl-esejs u nuqqas ta' immaġinazzjoni. F'xi wħud, l-istil tal-kitba ma kienx mexxej. Nuqqas ieħor kien ir-ripetizzjoni tal-istess idea f'komponiment. Instabu xi waħdiet li ħallew il-komponiment barra, u oħrajn li kitbu ftit wisq u ma laħqux il-limitu tat-350 kelma. Deher ukoll li xi kandidati għandhom diffikultà kbira biex jagħrfu l-istil tal-kitba li jridu jiktbu bih b'rabta mat-titlu li jagħżlu. Kienu ħafna dawk li għażlu titlu partikolari u l-istil li ħaddmu ma kienx koerenti miegħu, dan minkejja li t-titli nfushom jagħtu l-ħjiel tal-istil. L-istess bħas-snin ta' qabel rega' kien hemm komponimenti fejn il-kandidat kiteb biss paragrafu ta' madwar 50 kelma.

Għadd sostanzjali ta' kandidati għażlu t-titlu argumentattiv, *Il-gwerra soluzzjoni? Iddiskuti.* Jista' jkun għax kien titlu attwali ħafna u l-biċċa l-kbira minnhom kienu jafu kemm dwar il-Gwerra tal-Palestina u l-Iżrael kif ukoll tar-Russja u l-Ukraina. Kien hemm ukoll min irrefera għat-tieni gwerra dinjija u l-isterminju tal-Lhud u għall-gwerer tal-passat:

*"Il-parti l-kbira tal-gwerer li nħolqu u li għadhom qed jinħolqu sal-ġurnata tal-llum, ħafna minnhom ikunu minħabba l-akkwist tal-artijiet. Il-vjolenza qatt mhi rimedju. Miljuni ta' nies mietu matul il-milja taż-żmien, nies innoċenti li ħafna drabi ma kienu jaħtu xejn."*

F'bosta komponimenti li ttrattaw dan is-suġġett kien hemm numru ta' ideat u argumenti maturi, kemm kontra l-gwerra, u kemm favuriha. Dawk li huma kontra l-gwerra semmew argumenti bħal li l-gwerra ġġib ħerba sħiħa fil-pajjiż, telf ta' bosta ħajjiet innoċenti, inċertezza, riperkussjonijiet ekonomiċi, kulturali u soċjali,

nuqqas ta' stabilità, u l-problema tar-refuġjati. Dawk li argumentaw favur il-gwerra semmew li bosta drabi din tkun meħtieġa biex, fost oħrajn, pajjiż jiddefendi lilu nnifsu mill-aggressjoni ta' pajjiż ieħor jew ta' xi dittatur, jew biex terġa' tistabbilixxi l-istabilità u l-paċi fir-reġjun. Il-maġġoranza tal-kandidati li għażlu dan it-titlu jidhru li jsegwu l-ġrajjiet kurrenti għax kienu kapaċi jsemmu eżempji ta' gwerer li għaddejjin bħalissa u daħlu f'ċertu dettall dwarhom. Kien hemm ukoll min wera ċerta ħila ta' natura storika meta tkellem dwar gwerer tal-passat bħall-ewwel u t-tieni gwerra dinjija.

Minkejja dan, għadd kbir ta' kandidati ddeskrivew biss il-kruha tal-gwerra u ma weġbux il-mistoqsija jekk il-gwerra tistax tkun soluzzjoni. Għalkemm il-maġġoranza tal-kandidati qalu li huma kontra l-gwerra, ma rreferewx għall-fatt li xi kultant il-gwerra tista' tkun l-unika soluzzjoni, speċjalment f'dittattorjat, jew meta pajjiż jinvadi lill-pajjiż ieħor.

Interessanti wkoll il-fatt li għadd kbir ta' kandidati fetħu aktar dwar l-impatt tal-gwerra fuq l-ambjent milli fuq il-bniedem.

Xi wħud mill-kandidati m'għarfux jiktbu b'Malti formali u nsew l-istil mitlub minnhom f'dan il-ġeneru:

*"Naħseb li kulħadd jaqbel mijaj għall li qed nejd, nispera li forsi joħdu ftit ideat milli iddiskutejt hux, għax ma irridx nara nies ibatu, anke meta nħares lejn it-television u nara li hemm gwerra niddejaq għax nitfilu mil-lowel. Grazzi lil kulħadd ..."*

It-tieni titlu mogħti fil-karta tal-eżami *Ikteb rakkont li jispiċċa: "B'xorti tajba ma kontx waħdi dakinhar."* Minkejja li kien magħżul minn ħafna kandidati, b'mod ġenerali, kien l-aktar titlu li pproduċa komponimenti ta' livell baxx. Huwa minnu li normalment komponimenti ta' natura narrattiva jkunu l-eħfef għażla u li forsi fihom, wieħed ma jistenniex ċerti argumenti bħalma jistenna f'tipi oħra ta' komponimenti. Madankollu, wieħed xorta waħda jistenna li tal-anqas in-narrazzjoni tkun ċara u mexxejja u li toħloq fil-qarrej ċerta kurżità biex ikompli jaqra. L-eżaminaturi nnotaw, li bosta kandidati li għażlu dan it-titlu kitbu komponimenti b'ideat pjuttost pwerili, b'nuqqas ta' immaġinazzjoni u fuq kollox imfissra b'espressjoni fqira.

Kien hemm diversi li rrakkuntaw storja u fl-aħħar tefgħu dan it-tmiem, anke jekk ma kellu xejn x'jaqsam mal-kumplament tal-istorja. Kien hemm għadd ta' komponimenti li filwaqt li jirrakkuntaw il-komponiment kollu li kienu waħedhom id-dar, spiċċaw b'dak it-tmiem ukoll. Kien hemm ukoll min flok ma spiċċa b'dak it-tmiem, beda bih u kompla fuqu l-komponiment kollu.

Ħafna ddeskrivew serqa, mawriet fi djar abbandunati, attakki u xi inċident bil-karozza jew li kellu ma' sħabu. Kważi ħadd mill-kandidati ma kien kapaċi jħaddem it-teknika li tqanqal kurżità bħall-użu tal-analessi jew xi mistoqsijiet. Il-lingwaġġ sensorju tista' tgħid li qatt ma ntuża. Id-deskrizzjoni kienet limitata ħafna b'lessiku mhux adattat u xi kultant miktub bl-Ingliż.
"keċejna xarabank għal st julian"
"d-dawl waqfet u l-"eliktrisity" ta' Malta kollu waqfet."
"Beda nirrekogniża"

Interessanti li minkejja l-fatt li ħafna ppruvaw idaħħlu l-idjomi fil-kitbiet tagħhom, dawn ma kinux preċiżi.

"fuq is-seba' semha"
"kont ili seba' mitt sena ma nitla'"

Bosta komponimenti dwar *L-ikel li nieklu* kienu wkoll ta' livell tajjeb ħafna. Numru mdaqqas ta' kandidati daħlu f'ċertu dettall dwar ikel partikolari u l-benefiċċji marbuta miegħu, ikel marbut ma' pajjiżi differenti, dieti differenti u l-vantaġġi tagħhom, il-konsegwenzi li jġib miegħu ikel żejjed jew in-nuqqas ta' ikel. Deher biċ-ċar li bosta kandidati kienu infurmati sew dwar is-suġġett u fissru b'mod ċar ħafna u b'Malti mexxej l-argumenti tagħhom.

Xi wħud ippruvaw joħolqu introduzzjoni interessanti biex jinvolvu lill-qarrej:

*"Trid tiekol biex tgħix mhux tgħix biex tiekol! L-ikel hu bżonjuż għal ħajja għax mingħajru inkunu bla enerġija. L-ikel huwa s-sors ta' kollox. Imma l-Maltin jafu kemm għandhom jieklu?"*

Iżda min-naħa l-oħra għadd ta' kandidati mhux ħażin li għażlu dan il-komponiment, ftit li xejn kienu infurmati dwar din it-tema għalhekk ħafna kitbu fil-qosor jew spiċċaw jivvintaw u ma jgħidux il-fatti. Ħafna spiċċaw jiktbu listi ta' ikel u ristoranti li jbigħu ikel li mhux tajjeb għas-saħħa. Il-parti l-kbira tal-kandidati kitbu biss dwar il-Maltin u kitbu lista ta' ikel tradizzjonali Malti.

*"L-ikel favur tal-poplu ta Malta huwha pastizzi , rikotta jew piżelli u ukol il-qassatiet, u ma ninsewx il-bela te magħom ...."*
*"Nibdew billi nsemmu l-imqarun jew ukoll għaġin il-forn huwa ikel Malti għasel jinżel, nsibu wkoll ħelwa tat-tork, pastizzi, ross il-forn..."*

*"Nibdew billi għalkemm Malta żgħira, xorta ssib ikel tradizzjonali u ikel twajjeb".*
*"Fil-bandla l-oħra, nies li jikkonsmaw ikel mhux bnin, imutu ta' età iżgħar."*

Għadd ta' kandidati ddeskrivew x'jieklu huma u mhux b'mod ġenerali:

*"Wara dawk it-tip ta' nies kolla li semmejt hemm jien niekol ikel bladoċ imma ammonti żgħar u bhekk minix oħxon u lanqas irqiq"*

*"u jekk trid taqad dak kollu għamel chicken curry 'thiland recipi' u sides."*
*"imma jekk tmur fuq il-google u tfitex fut bak jesta ikun isib xi wiħed tarah ikollu naqa kif jejdu sħabna min ta sliema 'excessive fat' li jekk neqilbuwha bil-malti tiġi ħxuna żejda".*

Il-lingwa użata f'dawn il-komponimenti kienet batuta ferm kemm fl-istruttura tas-sentenzi, kemm fil-grammatika kif ukoll fl-ortografija. Kienet nieqsa wkoll mill-idjomi u espressjonijiet.

L-anqas titlu li ntgħażel kien l-aħħar wieħed – *Waqt avveniment mużikali kbir. Iddeskrivi.* F'dan il-każ l-eżaminaturi ltaqgħu ma' taħlita ta' komponimenti. Kien hemm komponimenti tassew tajbin li fihom il-kandidati ddeskrivew b'mod matur il-post, l-atmosfera tal-ispettaklu, u daħlu f'ċertu dettall bit-tħaddim tas-sensi kollha tagħhom tant li kważi kważi jġegħluk tħossok li kont parti mill-folla waqt l-ispettaklu:

*"Malli tidħol fit-Teatru innifsu tħoss tassew is-sens ta' lussu u kburija ta' dan it-tempju. B'gallariji dawra mejt magħmulin mill-aqwa mastrudaxxi Maltin ta' dak iż-żmien u wara ġew miksija b'folji tad-deheb u brazzi tal-kristall u pariġġhom imdendla fin-nofs tat-teatru linfa grandjuża li kulħadd jitpaxxa meta jaraha."*

Madankollu, kien hemm xi kandidati li ma żammewx għalkollox mas-suġġett. Dawn, aktar milli ddeskrivew dan l-avveniment mużikali, spiċċaw irrakkuntaw ngħidu aħna, kif kisbu l-biljetti għal dan l-avveniment, x'ġara fit-triq huma sejrin għal dan l-avveniment jew meta kienu qed jirritornaw lejn id-dar wara li spiċċa l-avveniment.

*Punti ġenerali oħra:*

Il-komponiment ta' xi kandidati kien magħmul minn paragrafu wieħed biss. Xi kandidati kitbu paragrafi b'ħafna ideat li setgħu jiġu żviluppati aktar f'aktar minn paragrafu wieħed. Inħass ukoll żbilanċ bejn it-tul ta' paragrafu u ieħor. L-introduzzjoni u l-konklużjoni ta' xi kandidati kienu xotti u neqsin mill-oriġinalità li għandha tqanqal interess fil-qarrej. Xi drabi nkitbu sentenzi twal ħafna mingħajr l-ebda sinjal ta' punteġġjatura. Ġieli saħansitra kien hemm paragrafi bla ebda tip ta' waqfa. Jidher ċar li ħafna kandidati ma jużawx ittri kapitali għall-ismijiet tan-nies, tal-pajjiżi u x-xhur. Din tidher li dieħla dejjem aktar u dehret spiss.

Jidher li l-ortografija għadha l-aktar dipartiment li jinkwieta lill-kandidati. Sena wara l-oħra qed jiġi nnotat il-livell batut ħafna li għandhom il-kandidati fl-ortografija u li qed ikompli jitbaxxa minn sena għal oħra.

F'xi każi wkoll l-espressjoni u l-idjoma kienu pjuttost batuti. Jinħass biċ-ċar li numru mdaqqas ta' kandidati ma jaqrawx letteratura tajba bil-Malti. Xi eżempji li ltaqgħu magħhom l-eżaminaturi huma dawn:

- Poġġejt għajnejja fuqha
- Meta tisplodi gwerra, ħafna nies imutu
- Fil-pajjiż waqgħet gwerra kbira
- Hafna pajjiżi jkunu għaddejjin minn ġo gwerra
- Hadna x-xoqqa f'moxtha u morna Ħad-Dingli
- Kont ili seba' mitt sena nara xi serp hemmhekk.
- Wara ġbart il-pass u bdejt ngħaġġel
- kont diżappuntat f'lili nnifsi
- Kelli għajnejja wara widnejja b'li rajt.
- Ix-xagħar fuq idi telgħet sas-sema bil-biża'.
- Qlibt għajnejja lura b'li rajt.
- Fil-periklu tal-ħajja (flok fil-periklu tal-mewt)

<u>L-influwenza mill-Ingliż fil-kitba.</u>

- ikel ta' nutranza
- meta kont sbatax (flok kelli sbatax)
- mort għand il-kamra tiegħi
- mort għand it-tieqa
- fuq l-aħħar ġurnata tal-iskola
- ġrat fuq it-18 ta' Ġunju
- il-ġenituri marru fuq vaganza
- espressjoni – fast ikel
- tgħallimt li għandi nħossni grazzjuż għall-ħajja tiegħi (minn grazzi)
- dehra ta' żalvaġija
- għalkemm irriġettajna (ma aċċettajniex)

- dan l-avveniment se jieħu post fuq il-Fosos
- Jien, għarusi, ħuh...... (l-għarus tiegħi)
- raġel jara (iħares) fid-direzzjoni tiegħi
- jiġi warani (warajja)
- it-tewma ta' Louis – tewmija
- dekadi (deċennji)
- advertata (irrekklamata)

- iddeċidejt li niwwormja ftit
- biex timpruvjaw il-wirja
- kont miexi fuq it-Triq l-Isperanza
- il-passiġġier kien hurt
- ma kienx hemm ħafna damages
- ikel li għandu ħafna fat
- kelli bżonn nagħmel surgery
- ħadd ma kellu inġerja serja
- kulħadd ma jagħti kas il-xejn jew ħadd even if nies jinqatlu
- instead of gwerra, il-pajjiżi jistgħu jseħħu meetings
- ma jagħmlux xejn until is-soluzjoni tkun ħażina ħafna
- ma kienx hemm charges against ir-raġel
- jekk ma tikolx biżżejjed iron, ma jkollox cells tad-demm
- biex ittella' l-weight
- pajjiżi oħra fil-gwerra jistgħu jieħdu n-naħat
- il-karozza spiċċat b'ħafna injuries
- id-diski li jilagħbu l-artisti
- meta biddilt ġol-malja

Ġie nnutat ukoll kif minflok l-espressjoni 'karozza tal-linja' jew 'tal-linja', bosta kandidati kitbu l-espressjoni 'tallinja' bħala kelma waħda użata f'espressjonijiet bħal 'fuq it-tallinja' jew 'tlaqna bit-tallinja'.
Żbalji fl-użu tal-ġens bħal dawn kienu komuni ħafna.

* L-ikel li huma tajbin
* Il-wirja u xi noti fuqu
* L-ikel kienet tajba

## It-Tieni Taqsima

### *Fehim it-Test*

Il-kandidati kellhom iwieġbu sitt mistoqsijiet fuq is-silta provduta. Jidher li l-maġġoranza tagħhom fehmu s-sens ġenerali tas-silta u għaldaqstant wieġbu tajjeb ħafna mill-mistoqsijiet. B'mod ġenerali, il-parti l-kbira tal-kandidati ġabru ħafna marki minn dan it-taħriġ, ladarba l-marki kienu aktar ibbażati fuq il-fehim milli fuq l-ortografija tat-tweġibiet. Numru konsiderevoli ta' kandidati ma fehmux mistoqsijiet partikolari. Ħafna kienu dawk li tfixklu f'mistoqsija 4 u 6 għax injoraw il-fatt li t-tweġiba tagħhom riedet toħroġ mhux biss minn dak

li jaħsbu huma imma anke fuq dak li qraw mis-silta. Inħasset ukoll in-nuqqas ta’ maturità fit-tweġibiet fejn għadhom ‘il bogħod milli jiffurmaw l-opinjoni jew li jesprimuha.

### *Għarfien il-Lingwa*

Bosta kandidati, aktar mis-soltu, tilfu kważi l-marki kollha allokati għall-mistoqsija numru 7 li kienet titlob lill-kandidati jagħtu kelma jew frażi oħra għall-kliem immarkat bil-grassett (bold) fis-silta mogħtija. Bosta kandidati, minflok għamlu kif mitlub minnhom, spiċċaw ifissru dan il-kliem. Ħafna taw il-kelma “liġijiet” jew “dmirijiet” flok “jeddijiet”. Għadd kbir ta’ kandidati taw aġġettiv jew nom flok verb għall-kelma “tipperikola” u kitbu “ħażin” jew “periklu” flok “thedded”.

Jidher li ħafna fehmu x’kellhom jagħmlu f’taħriġ nru 8 iżda mhux kulħadd sab il-kelma adattata. Ħafna kitbu “jiżviluppa” flok “tiżviluppa” meta kellhom jagħtu kelma oħra flok “tikber” u “toħloq” flok “maħluqa” meta kellhom jagħtu kelma oħra flok “kreati”.

Ħafna għarfu jwieġbu l-mistoqsija nru. 9 iżda kien hemm min wera li ma jafx xi tfisser espressjoni u kiteb is-sentenza jew il-paragrafu kollu.

### It-Tielet Taqsima – Il-Grammatika

Ġie osservat titjib sostanzjali fit-taqsima tal-Grammatika mill-kandidati li resqu għal karta 2A. Bosta kandidati jidher li kienu mħarrġa sew f’dan l-aspett tal-lingwa għax kienu ħafna dawk li ġabru bosta marki minn din it-taqsima, għall-kuntrarju ta’ dak li kien osservat fis-snin l-imgħoddija. L-aktar mistoqsijiet li sabu diffiċli kienu n-numru 7, fejn kellhom isibu mis-silta avverbju tan-negattiv u n-numru 13, li kienet titlob lill-kandidati joħorġu aġġettiv minn ‘dinjità’. Bosta wieġbu, b’mod żbaljat ‘dinji’ jew ‘dinjija’ minflok ‘dinjituż/dinjituża/dinjitużi’. Hija ħasra li bosta tilfu l-marki għall-mistoqsija numru 3, fejn kellhom jiktbu fi kliem iċ-ċifra €30,000, minħabba li ħallew barra l-kelma ewro/euro li kellha tkun tifforma parti integrali mill-espressjoni.

Madankollu komplew jinħassu n-nuqqasijiet minn kandidati li applikaw u resqu għal karta 2B.

F’din it-taqsima ħafna kandidati ma marrux tajjeb mhux biss minħabba l-ortografija iżda wkoll minħabba l-fatt li ħafna ma kinux jafu jagħrfu bejn nom, verb u aġġettiv. Saħansitra, ħafna kitbu r-risposta ħażina meta kellhom sempliċiment jikkuppjaw diretament mis-silta.

- Ftit ħafna kienu dawk li rnexxielhom jagħtu tweġiba tajba għall-ewwel mistoqsija dwar il-kollettiv.
- Kien hemm ħafna li kienu kapaċi jwieġbu t-tieni, ir-raba’, il-ħames, id-disa’ u l-ħdax u l-erbatax-il tweġiba dwar l-aġġettiv rumanz, il-forma tal-verb, il-plural sħiħ, l-għerq u l-għadd imtenni.
- Għadd kbir ta’ kandidati kienu jafu jiktbu n-numru fi kliem imma ma kitbux ewro wara n-numru.
- Numru 6 – tista’ tgħid li għadd kbir ta’ kandidati kienu jafu x’inhu superlattiv imma ma kinux jafu jiktbuh.
- Bosta kandidati ma kinux jafu jwieġbu l-mistoqsija dwar l-avverbju u l-parteċipju passiv.
- Nru 12 – Ħafna ġabuha ħażina għax ma kinux jafu d-differenza bejn perfett u imperfett jew inkella kitbuha ħażina.
- Nru 13 – ħafna taw it-tweġiba “dinji” flok “dinjituż”

### Ir-Raba’ Taqsima – Ir-Rapport

F’dan it-taħriġ il-kandidati kellhom jiktbu rapport ta’ madwar 80 kelma dwar żewġ suġġetti li ngħatawlhom. Jidher li ma kienx hemm preferenza partikolari fl-għażla bejn iż-żewġ suġġetti iżda jidher li r-rapport dwar inċident tat-traffiku kien ippreferut xi ftit aktar mir-rapport dwar il-pjazza tar-raħal li qed tkun magħluqa

għat-traffiku. B'mod ġenerali ġie osservat li dawk li għażlu l-ewwel rapport (dwar il-pjazza tar-raħal) marru aħjar minn dawk li għażlu t-tieni wieħed (dwar l-inċident). Fl-istess ħin, kien hemm aktar kandidati li għażlu l-ewwel rapport li ma żammewx mas-suġġett. Fil-fatt, kien hemm numru mdaqqas ta' kandidati li minflok irrappurtaw dak li seħħ f'Ħadd partikolari ("il-Ħadd li għadda") tkellmu b'mod ġenerali dwar x'jiġri kull nhar ta' Ħadd fil-pjazza u dwar il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' din id-deċiżjoni li tingħalaq il-pjazza. Dawk li kitbu rapport dwar inċident li raw, żammew aktar mas-suġġett iżda b'mod ġenerali r-rapporti kienu neqsin minn ċertu dettall li wieħed jistenna f'rapporti ta' dan it-tip.

B'mod ġenerali l-istil ta' ħafna rapporti kien batut ħafna. Mhux rapport jew tnejn kienu jikkonsistu f'sentenza interminabbli, mingħajr punteġġjatura, bi stil li ma jixraqx il-kitba ta' dan il-ġeneru. Ngħidu aħna, xi wħud kitbu aktar avviż milli rapport jew inkella minflok taw deskrizzjoni tal-fatti, spiċċaw jagħtu pariri lis-sewwieqa biex jevitaw l-inċidenti. Kien hemm min qal li qed jikteb ir-rapport bis-saħħa ta' informazzjoni li ġabar mingħand xi ħadd ieħor, meta l-mistoqsija kienet tgħid b'mod ċar "inċident li rajt". Bosta kandidati ma kitbux id-data, il-post jew imqar isimhom (fittizju), elementi li suppost għandhom ikunu preżenti fil-kitba tar-rapport. Kien hemm ukoll min nesa jagħti titlu lir-rapport. Kienu ħafna wkoll li kitbu rapport iqsar mill-ammont ta' kliem li kellhom jiktbu.

Fit-tieni għażla, il-kandidati tfixklu ħafna fl-istil hekk kif qraw il-frażi "ċempillek pulizija mill-għassa tal-istess raħal". Ħafna kitbu parti mir-rapport jiddiskrivu kif iltaqgħu mal-pulizija jew dan ċemplilhom biex jiktbu r-rapport. Kien hemm min saħansitra immaġina d-djalogu mal-pulizija:
*"Hellow. Iva, kont rait l-inċident ftit minuti qabel. Jien ma weġġajtx, imma in-nies fill-karozza weġġgħu, imma kien hemm l-ambulanza."*

### Il-Ħames Taqsima: L-Ittra/l-Email

F'dan it-taħriġ il-kandidati kellhom jiktbu ittra/email ta' madwar 80 kelma dwar żewġ suġġetti li ngħatawlhom jiġifieri (i) ittra lid-Direttur ta' kumpanija tal-ivvjaġġar biex jagħtuh xi ideat biex il-kumpanija tnaqqas l-użu tal-karta billi toħroġ rivista interattiva u diġitali jew (ii) ittra elettronika lill-għaqda 'Klabb tal-Karozzi Antiki' biex jissuġġerixxu x'jista' jsir biex il-wirja annwali tal-għaqda tkompli tikber minn sena għal oħra. F'dan l-eżerċizzju wkoll ma kienx hemm preferenza fl-għażla bejn iż-żewġ mistoqsijiet. Għal darba oħra l-eżaminaturi ltaqgħu ma' numru konsiderevoli ta' żbalji marbutin mal-format tal-kitba tal-ittra, bħal ngħidu aħna n-nuqqas tal-kitba tad-data, in-nuqqas ta' tqassim f'paragrafi xierqa u l-kitba żbaljata tal-indirizzi. Xi wħud li għażlu li jiktbu ittra lanqas biss kellhom idea fejn jiktbu l-indirizzi u spiċċaw kitbuhom bil-format tal-email. Jista' jingħad li dawk li għażlu t-tieni titlu marru xi ftit aħjar minħabba li kien hemm aktar kandidati, li għażlu l-ewwel titlu, li l-kitba tagħhom ma kinitx tirrispetta s-suġġett li kellhom jiktbu dwaru. Kien hemm numru ġmielu ta' kandidati li injoraw għalkollox il-kuntest li ngħataw fil-mistoqsija u kitbu dak kollu li ġie f'moħħhom, bħal ngħidu aħna, issuġġerew roħs speċjali fuq ċerti destinazzjonijiet; li fuq l-ajruplan jintużaw platti tal-ħġieġ minflok tal-kartun; li jintużaw srievet tad-drapp minflok tal-karta; jew issuġġerew li jitqassmu reklami stampati dwar il-kumpanija fuq l-ajruplan.

Fil-każ tat-tieni mistoqsija, ħafna ma kellhomx idea ta' kif u lil min jindirizzaw l-ittra. Dawn huma xi eżempji:

- Għażiż lil min qed jaqra din l-ittra
- Għażiż Mr jew Mrs
- Għażiż Għaqda
- Għażiż klabb tal-karozzi antiki
- Għażiż organizaturi tal-klabb

Il-kandidati tfixklu wkoll fl-istil tal-ittra elettronika. Ħafna ma għarfux jiktbu suġġett adattat u ma kinux jafu kif għandhom jiftħu l-ittra. Il-maġġoranza ma kitbux ftuħ u għeluq u ma qasmux l-ittra f'paragrafi.

**Kumment Generali:**

L-espressjoni ta' bosta kandidati fil-kitba tar-rapport u tal-ittra kienet fqira, kif juru dawn l-eżempji:

- il-karozza għaddiet mill-bozza tat-traffiku ħamra
- il-karozza bdiet tagħmel id-duħħan
- l-oħrajn jinstabu li ma sofrew l-ebda tip ta' weġgħa
- pulizija li jidderieġu t-toroq
- iż-żewġ karozzi sofrew ġrieħi kbar
- bħalissa qed isir ħafna nar
- il-karozzi ħabtu ras ma' ras
- iż-żewġ karozzi ħabtu wiċċ imb wiċċ
- tilef is-sensi u ħabat
- bħalissa qiegħed jittieħed l-għajnuna mill-isptar
- għandi fiduċja fuqkom

Ġie nnutat ukoll, għall-ewwel darba, l-użu mifrux ħafna:

(i) tal-espressjoni "madwar + il-ħin" minflok l-espressjoni "għall-ħabta ta'" eż. *"madwar it-tmienja" minflok "għall-ħabta tat-tmienja";
(ii) l-użu żbaljat tan-nom verbali 'sewqan' minflok tan-nom tal-aġent "sewwieq", pereżempju "is-sewqan kien xurban'.

## D. IT-TIENI KARTA A

F'din il-karta bosta tweġibiet kienu tajbin. Il-marki ntilfu għaliex ma ssemmewx id-dettalji kollha meħtieġa, jew għaliex it-tweġibiet ma kinux ċari biżżejjed. Din is-sena l-kandidati ma batewx daqshekk meta ġew biex jiddiskutu l-metrika jew meta ġew biex jidentifikaw termini letterarji speċifiċi. Kienu bosta kandidati li għarfu jiddiskutu b'mod relevanti l-mistoqsijiet u l-effetti tal-mekkaniżmi letterarji użati.

Din is-sena ma kienx hemm xi preferenza partikolari fl-għażla tax-xogħlijiet letterarji.

**L-Ewwel Taqsima: Referenza għall-Kuntest (Il-Poeżija)**

*Passaġġi*- Fl-ewwel mistoqsija l-kandidati kellhom jidentifikaw il-metafora ċentrali tal-poeżija u jfissru x'effett joħloq il-poeta b'din il-metafora. Kważi kull kandidat wieġeb tajjeb għall-ewwel biċċa tal-mistoqsija filwaqt li għat-tieni parti kien hemm varjetà ta' risposti tajbin ħafna li ħadu l-marki massimi u risposti inqas tajbin li ħadu inqas marki. Fit-tieni mistoqsija l-kandidati kellhom jfissru kif il-poeta jħaddem it-teknika tal-antiteżi u x'effett joħloq bl-użu tagħha. Ħafna mill-kandidati spjegaw tajjeb kif kull kwartina hija mibnija fuq żewġ opposti, fuq esperjenzi pożittivi u oħrajn negattivi li jsawru l-ħajja tal-bniedem. Fit-tielet mistoqsija, l-kandidati kellhom ifissru l-frażi 'tiskoprihom bit-taħbit' u x'effett toħloq din il-frażi fuq il-qarrej. Bosta kienu t-tweġibiet varji u tajbin li jduru mal-kunċett li xi esperjenzi jafu joffru diffikultajiet kbar matul il-ħajja, joffru sfidi u għalhekk l-individwu jrid ikun ippreparat biex jilqa' l-isfidi. Madankollu ftit kienu dawk il-kandidati li wieġbu t-tieni parti tal-mistoqsija fejn kellhom jgħidu li fil-ħajja irridu nkunu preparati għal kollox. Fir-raba' mistoqsija l-kandidati kellhom jgħidu x'effett joħloq u x'effett joħloq bl-idea tal-infinit fl-aħħar strofa.

Hawnhekk kważi ħadd mill-kandidati ma wasal għall-effett ta' *climax* imma kienu bosta l-kandidati li waslu biex jispjegaw li l-Infinit huwa Alla u li fost l-esperjenzi varji tal-ħajja hemm minnhom li jwassluna biex nifhmu l-infinit. Ħafna kandidati tkellmu dwar il-ġenna li tikseb wara li tkun batejt f'din id-dinja. Fl-aħħar mistoqsija f'din it-taqsima l-kandidati kellhom jiktbu dwar il-metrika li titħaddem fil-poeżija. Għal din il-mistoqsija ħafna kandidati wieġbu tajjeb u bid-dettalji kompluti. Kandidati li tnaqqsulhom il-marki kienu fejn il-kandidati naqsu li jsemmu li l-ewwel u t-tielet vers ta' kull strofa huma watja filwaqt li t-tieni u r-raba' huma tronki. F'din il-mistoqsija ġie nnotat ukoll kif xi kandidati mhumiex ċerti minn dawn it-termini (hemm min jikteb vers kwadrilitteru, trilitteru, trinarju, kwartinu, ottonu, ottavu).

*Refuġjata* – Fl-ewwel mistoqsija l-kandidati kellhom ifissru r-rabta bejn l-isem tal-poeżija Refuġjata u l-frażi 'il-mara tat-tined' li hija rrepetuta tliet darbiet fil-poeżija u x'effett jintlaħaq. Ħafna kandidati wieġbu tajjeb ħafna għal din il-mistoqsija b'diversi risposti fosthom li r-refuġjata m'għandhiex dar fissa u għalhekk trid timxi minn post għall-ieħor, saħansitra minn pajjiż għall-ieħor biex tevita t-tbatija. In-nuqqas ta' stabbiltà fiżika (m'għandhiex dar tagħha) u mentali (ħsibijiet ta' inċertezzi). Fit-tieni mistoqsija l-kandidati kienu mitluba jiktbu dwar il-kuntrast li jibni l-poeta bejn il-qagħda attwali u x-xewqa tar-refuġjata. Hawn ukoll kien hawn bosta risposti validi fejn il-mara hija mxennqa għall-paċi b'kuntrast mas-sitwazzjoni tal-gwerra u l-vjolenza li għaddiet minnha. Fit-tielet mistoqsija l-kandidati kellhom jispjegaw l-effett li joħloq il-poeta bil-kelma metaforika 'ważi' fit-tieni strofa. Għal darb'oħra ħafna kandidati wieġbu tajjeb fejn spjegaw li l-ważi huwa l-post li vjaġġatur fid-deżert jieħu gost li jasal fih għall-mistrieħ. Ir-refuġjata tixxennaq għall-mistrieħ mill-gwerra u mit-tbatijiet li ġġib magħha l-gwerra. F'din il-mistoqsija batew dawk lima kinux jafu xi tfisser il-kelma ważi. Fir-raba' mistoqsija l-kandidati marru tajjeb ukoll u fissru tajjeb il-kelma "massakri" u l-idea li hemm marbuta magħha jiġifieri idea ta' qtil ta' għadd kbir ta' nies u kif il-qtil tal-għasafar hu mqabbel mal-qtil tal-irġiel għax l-istess kif jinqatlu ħafna għasafar, daqshekk ieħor qed jinqatlu ħafna rġiel fil-gwerra. Fl-aħħar mistoqsija l-kandidati kellhom jidentifikaw il-vers li jħaddem il-poeta u kif dan il-vers jintrabat mat-tema tal-poeżija. Fiha kien hemm min wieġeb tajjeb imma ħafna oħrajn sabu din il-mistoqsija diffiċli. Numru kbir ta' kandidati minflok kitbu dwar il-vers ħieles u l-effett tiegħu, bdew jagħżlu vers mill-poeżija u jispjegawh. Min semma li l-vers huwa ħieles, kiteb raġunijiet tajbin għall-użu tiegħu iżda min ma identifikax il-vers tilef ukoll il-marki tal-ispjegazzjoni.

### It-Tieni Taqsima: Referenza għall-Kuntest (Il-Proża)

B'mod ġenerali, kien hemm bilanċ bejn l-għażliet li għażlu l-kandidati. Ħafna wieġbu kif kien mistenni imma xi kandidati setgħu taw aktar dettalji f'xi mistoqsijiet. Kien hemm ukoll kandidati li wieġbu partijiet biss minn xi mistoqsija partikolari. Jidher biċ-ċar li l-kandidati kienu familjari maż-żewġ novelli li minnhom ittieħdu s-siltiet tal-proża u xi kandidati spikkaw għax niżlu fil-profond tal-ispirtu u l-messaġġ letterarju.

*Bank* – Fl-ewwel mistoqsija l-kandidati kellhom isemmu erba' raġunijiet li juru li Krazju Ebejer kien determinat li jagħmel żjara fil-klassi waħdanija tal-iskola. Ħafna kandidati taw diversi raġunijiet validi li juru r-rabta bejn iż-żjara ta' Krazju ġewwa l-iskola u n-nostalġija. Fit-tieni mistoqsija l-kandidati kellhom jiddiskutu s-sentiment li ħass Krazju Ebejer meta żar l-iskola u jisiltu tliet frażijiet li jsaħħu dak li kitbu. Hawn kienu ħafna l-kandidati li qishom insew iwieġbu l-ewwel parti tal-mistoqsija għalkemm imbagħad b'mod indirett is-sentiment ta' nostalġija ssemma' permezz tal-frażijiet li ġew identifikati b'mod korrett. Madankollu għadd ta' kandidati ma waslux biex jagħtu l-frażijiet li kienu mistennija. Fit-tielet mistoqsija l-kandidati kellhom jiktbu eżempju ta' similitudni u l-effett li n-narratur ried joħloq. Ħafna għażlu 'Ħaddejha donnhom żewġ wardiet' imma kien hemm bosta kandidati li semmew ukoll 'lil Krazju kont tistħajlu qisu tifel tal-primarja'. Bosta kandidati

rnexxielhom ukoll ifissru b'mod tajjeb dawn is-similitudnijiet għalkemm ma naqsux dawk li tilfu l-marki f'din il-parti tal-mistoqsija. Il-kandidati marru tajjeb fl-ewwel parti tar-raba' mistoqsija. Ħafna waslu biex taw il-personifikazzjoni t-tajba. Il-kandidati taw bħala tweġiba "Kemm tifkiriet ħelwin tal-imgħoddi ġrew minn moħħu". Ftit kienu dawk il-kandidati li taw bħala tweġiba "jinsatru fl-istar kiebi tas-snin". Għat-tieni parti tal-mistoqsija, ftit kienu dawk il-kandidati li fissru tajjeb l-effett li joħloq in-narratur bl-użu ta' din il-personifikazzjoni. Il-kandidati ma semmewx li n-narratur beda jinsa ċerti tifkiriet jew li dawn it-tifkiriet m'għadhomx ċari għax għaddew ħafna snin. Fl-aħħar mistoqsija l-kandidati kellhom jiktbu dwar il-karattru ta' Krazju Ebejer. Hawnhekk il-kandidati spjegaw tajjeb il-karatteristiċi tal-karattru ħafna minnhom ukoll iġġustifikati b'referenzi.

*Xtara l-ħut fil-baħar* – Fl-ewwel mistoqsija l-kandidati kellhom jispjegaw għaliex l-isem tan-novella Xtara l-Ħut fil-baħar huwa magħżul bir-reqqa u kellhom jiktbu żewġ eżempji biex isaħħu t-tweġiba tagħhom. B'mod ġenerali, din il-mistoqsija ġiet imwieġba tajjeb, b'ħafna mill-kandidati jagħtu referenza għall-qawl Malti – 'min jixtri l-ħut fil-baħar, jieklu jinten/nej'. Madankollu ftit kienu dawk il-kandidati li taw żewġ eżempji tajba biex jikkosolidaw it-tweġiba li taw għall-ewwel parti tal-mistoqsija. Ftit kienu dawk li semmew li diġà qed jara lilu nnifsu elett jew li beda jkun mistieden għal okkażjonijiet jew li għax elett se jkollu karozza bix-xufier. Ħafna semmew biss li n-nies kienet qed tinqeda bih biex tiekol u tixrob minn fuqu jew li n-nies kienet qed tużah biex tidħak daħka bih għax kienet taf li hu ma kienx kapaċi. Fit-tieni mistoqsija l-kandidati kellhom jitkellmu dwar it-tip ta' relazzjoni li kienet teżisti bejn in-nies tar-raħal u s-Sur Tonin u hawn għal darb'oħra kellhom isaħħu l-argument tagħhom bl-eżempji. Għadd sabiħ ta' kandidati taw tweġiba tajba u fissru sew u fid-dettall ir-relazzjoni li n-nies kellhom mas-Sur Tonin jiġifieri relazzjoni mhux ġenwina u li kienu qed jidħku bih u saħansitra taw ukoll eżempji xierqa mis-silta biex jispjegaw dan. Fit-tielet mistoqsija l-kandidati kellhom juru x'jaħsbu u jekk kiex hemm xi raġuni għala l-mexxejja tal-partit l-ewwel qalu li s-Sur Tonin li mhux se jitkellem imbagħad sejħulu biex jitkellem. Hawn il-kandidati taw diversi tweġibiet varji li kienu validi. Ħafna mill-kandidati qalu li riedu jwaqqgħuh għaċ-ċajt quddiem il-folla tan-nies. Fir-raba' mistoqsija l-kandidati kellhom jisiltu żewġ eżempji ta' iperbole u jfissru wkoll l-effett tagħhom. Hawnhekk kien hemm kandidati li wieġbu l-mistoqsija kompluta kif suppost imma kien hemm min waqaf fl-identifikazzjoni tal-iperbole. Ħafna mill-kandidati semmew "Saqajh ħasshom jitriegħdu", "Xofftejh kienu qoxqox" u " Griżmejh bdew iniggżuh". Fl-aħħar mistoqsija l-kandidati kellhom jiddeskrivu l-karattru tas-Sur Tonin. Hawnhekk ukoll il-karattru tas-Sur Tonin ġie deskritt tajjeb ħafna sostnut minn referenzi mis-silta. Ħafna kandidati qalu l-s-Sur Tonin kellu karattru dgħajjef, iħalli lil ħaddieħor imexxih hu biex jidħak bih u li kien jagħmel li jfettillu bħal iddeċieda li jibda jrabbi x-xadini, il-pappagalli, il-klieb u l-ponijiet.

## It-Tielet Taqsima: Il-Komponimenti Letterarji *(Bejn Ħaltejn)*

Kien hemm numru sostanzjali ta' kandidati li għażlu l-ewwel komponiment letterarju li kien jitratta l-kunflitt bejn il-ħajja u l-mewt. Ħafna kandidati għażlu li jitkellmu *dwar Firda minn Kelb, Niftakar u Katrin tal-Imdina*. Ftit kienu dawk li tkellmu dwar *Refuġjata* u *Bank*. Saħansitra xi wħud irreferew għal *Żagħżugħ ta' Dejjem* (il-kuntrast bejn l-immortalità tal-baħar u l-poeta li wasal lejn it-tmiem ta' ħajtu).

Bħala introduzzjoni kien hemm numru ta' kandidati li semmew li "l-ħajja toffri ħafna esperjenzi varji, uħud sbieħ u oħrajn koroh jew anqas sbieħ". Il-kandidati qalu li diversi xogħlijiet fl-antoloġija "Bejn Ħaltejn" jippreżentaw dan l-aspett. Xi kandidati semmew li "Dawn ix-xogħlijiet diversi juru kif il-bniedem matul ħajtu jasal biex jgħaddi minn esperjenzi differenti, uħud sbieħ u oħrajn koroh, li kollha jħallu l-marka tagħhom fuq l-individwu".

Fil-maġġorparti, l-iżvilupp għal dan l-esej kien magħmul minn tliet paragrafi: wieħed dwar kull xogħol li għażlu. Ħafna drabi l-kandidati taw rakkont fil-qosor ta' dak li seħħ matul il-poeżija jew is-silta proża biex juru l-parti li turi l-ħajja u wara joħorġu l-kuntrast ma' dak li ġara wara, il-mewt.

Għas-silta *Firda minn Kelb,* il-kandidati spjegaw kemm l-awtur kien ferħan bil-kelb tiegħu u kemm kien iħobbu. Imbagħad spjegaw kemm in-narratur iddispjaċih li l-kelb marad u ħass li kien tort tiegħu li l-kelb marad. Il-kandidati urew kemm ħadha bi kbira li kellu joqtol il-kelb u kemm ħassu mdejjaq "bħal meta kien miet ħuh".

Għall-poeżija "Niftakar", il-kandidati urew kif il-poeta kellu jġarrab is-sabiħ u l-ikrah f'ħajtu . Huma semmew il-memorja sabiħa tat-tieġ, il-parti tal-ferħ u ċ-ċelebrazzjoni fil-jum taż-żwieġ tagħhom waqt li rreferew għan-niket u d-dispjaċir li kellu l-poeta għax martu mietet " il-poeta ġarrab ħafna niket kif jidher mill-funeral" u kif "din l-esperjenza affettwatu negattivament......il-Baħħ u jien".

Dwar il-ballata "Katrin tal-Imdina" l-kandidati spjegaw ċar kif is-sabiħ jidher mid-deskrizzjoni tal-ġurnata tat-tieġ bejn Katrin u l-Ħakem waqt li l-mument tal-ġlieda bejn il-Maltin u l-għadu kif ukoll il-mewt tal-ħakem fl-istess ġurnata tat-tieġ juri l-aspett ikrah tal-ħajja "Katrin spiċċat iżżewwġet u tilfet l-għarus tagħha fl-istess ġurnata".

Fil-konklużjoni xi kandidati għażlu li jiktbu dwar l-effett tal-esperjenzi diversi li l-bniedem iħabbat wiċċu magħhom fil-ħajja: "Dawn ix-xogħlijiet għandhom ikunu opportunità biex aħna l-qarrejja nkunu konxji li f'ħajjitna nistgħu ngħaddu minn esperjezi sbieħ u koroh u li aħna irridu nitgħallmu minnhom". Madankollu kien hemm għadd ġmielu ta' konklużjonijiet xotti fejn il-kandidati jerġgħu jirrepetu t-titlu fi kliemhom.

It-tieni titlu li kien jitratta dwar il-varjetà tal-karattri tan-nisa, kien l-aktar titlu li ntgħażel. Ħafna kandidati għażlu dan it-titlu u wrew li jafu sew il-kontenut tax-xogħlijiet li fihom insibu karattri nisa u li ntalbu jitkellmu dwarhom. Fl-introduzzjoni l-kandidati spjegaw kif il-poeti u l-awturi użaw karattri femminili fix-xogħlijiet tagħhom u kif dawn l-istess karattri huma differenti minn xulxin.

L-iżvilupp għal dan l-esej kien ħafna drabi maqsum f'żewġ jew tliet paragrafi, wieħed għal kull xogħol li tkellmu dwaru. Fil-każ tal-poeżija *Geraldine* il-kandidati taw rakkont tal-kontenut tal-poeżija. Ħafna mill-kandidati rreferew għall-fatt li Ġeraldine kienet tifla mqarba u tidħol f'ħafna nkwiet. Kulħadd kien jibża' minnha, iżda l-awtur ra kif għamel biex isir ħabib tagħha ħalli jkollu l-protezzjoni.

Dawk il-kandidati li għażlu s-silta *Il-Koranta,* irrakkuntaw l-istorja bid-dettalji kollha tal-Koranta u għamlu enfasi fuq il-fatt li Anjeżi kienet mara kwieta u ma tkellem lil ħadd, mara ta' madwar 40 sena, xebba li kont issibha dejjem fil-knisja titlob lil San Ġużepp, li kellha x-xewqa li tiżżewweġ u li n-nies tar-raħal kienu jgħajjruha.

Għadd mhux ħażin ta' kandidati irreferew għas-silta *Jacqueline* u qalu kemm din it-tfajla kienet avventuruża u differenti mill-oħrajn hekk li kienet hi nnifisha li talbet lil Mario biex imorru jieħdu pizza u mhux bil-maqlub kif normalment jiġri.

Xi kandidati għażlu s-silta *Ċensina* u tkellmu dwar kemm din il-mara kienet mara umli u fqira. Ċensina kienet għaddiet minn tbatija kbira u f'ħajjitha sofriet ħafna inġustizzji.

Xi ftit mill-kandidati tkellmu dwar Katrin fil-ballata *Katrin tal-Imdina.* Dawn il-kandidati urew kif Katrin kienet mara ferħana fil-ġurnata tat-tieġ tagħha u kif din l-istess mara nbidlet f'mara mdejqa għax tilfet lil żewġha fl-istess ġurnata tat-tieġ waqt li kien qed jiddefendi lil Malta mill-għadu.

Ftit kienu dawk il-kandidati li tkellmu dwar is-silta *Aqrali xi Ħaġa Ġdida, Qaltilha.* Dawk il-kandidati li għażlu din is-silta tkellmu dwar il-karattru ta' Stella u Lina u ħarġu sew id-differenzi ta' bejniethom.

Kien hemm xi kandidati li rreferew ukoll għal *Jum San Valentin*.

Bħala konklużjoni, l-kandidati fil-maġġorparti l-kbira tagħhom reġgħu irreferew għat-titlu u rrepetew l-istess ideat fi kliem ieħor. Eż: "Kollox ma' kollox naraw li hemm varjeta ta' karattri nisa fix-xogħlijiet ta' *Bejn Ħaltejn.* Ftit kien hemm konklużjonijiet effettivi.

Il-kandidati li għażlu t-tielet titlu li kien jitratta dwar it-tema tal-opposti, urew fil-komponimenti tagħhom, li jafu sew din it-tema u x-xogħlijiet li ntalbu jiktbu dwarhom. L-introduzzjoni ħafna drabi kienet effettiva. Fl-introduzzjoni l-kandidati enfasizzaw kif il-poeti jinqdew bl-opposti biex jibnu t-tema tal-poeżiji tagħhom u kif "permezz tal-opposti juru ċar kif taħdem il-ħajja,"

Ħafna mill-komponimenti kellhom l-iżvilupp maqsum f'żewġ paragrafi, wieħed għal kull xogħol li tkellmu dwaru. Fil-każ tal-poeżija *Ġarġir mal-Ħerża"* il-kandidati tkellmu kif il-poeta fil-passat kien għaddej minn mumenti diffiċli hekk li affaċja kriżi kif jidher mill-bir niexef mill-ilma u bl-għatu msaddad. Mill-banda l-oħra issa l-bir huwa mimli bl-ilma u mdawwar bil-ħdura u dan juri li issa s-sitwazzjoni nbidlet u l-poeta sab il-paċi f'ħajtu.

Dwar il-poeżija *Jien* il-kandidati tkellmu kif il-poeta jintebah li l-identità tiegħu hija magħmula minn opposti. Il-kandidati wrew kif jidhru l-opposti tul il-poeżija u kif il-poeta jidher li għadu qed jiskopri l-identità tiegħu. Fil-fatt il-poeżija tispiċċa b'mistoqsija li tindika li l-poeta għadu ma sabx l-identità tiegħu.

Ġie nnotat iżda li xi kandidati bdew janalizzaw ix-xogħlijiet mingħajr ma jitkellmu fuq il-kunċett ta' opposti, kif fil-bidu tal-poeżija Victor Fenech juża ton ta' ċertezza u jaf min hu, iżda fl-aħħar jidħol l-element tad-dubju permezz tal-mistoqsija retorika. Fil-poeżija ta' Marjanu Vella dan l-element ħareġ iktar biċ-ċar, għaliex il-kandidati bdew jitkellmu dwar il-kuntrast bejn l-ewwel tliet strofi u l-bqija tal-poeżija. B'mod pożittiv ġie nnotat li ħafna kandidati kitbu dwar l-użu tal-istrofi mtarrġin fl-ewwel parti tal-poeżija u ddiskutew kif tħossok nieżel 'l isfel fin-negattività mal-poeta.

Il-konklużjoni kienet fil-maġġorparti tal-komponimenti fqira u xotta. Bħala konklużjoni l-kandidati fil-maġġorparti l-kbira tagħhom reġgħu irreferew għat-titlu u rrepetew l-istess ideat fi kliem ieħor "hekk rajna kif il-poeti għamlu użu mill-opposti fix-xogħlijiet tagħhom".

### Ir-Raba' Taqsima: Il-Komponiment Letterarju *(Il-Ħarsa ta' Rużan)*

Ftit kienu l-kandidati li għażlu l-ewwel titlu li kien jitratta dwar kif il-ġrajja tas-Sette Giugno torbot mar-rumanzett. Fl-introduzzjoni ħafna kandidati fissru li l-poplu Malti kellu jgħaddi minn diversi tbatijiet sakemm irnexxielu jtejjeb il-qagħda soċjali u politika tiegħu. Huma tkellmu dwar l-importanza tal-karattru ta' Mark-Antonin minħabba li dan prova jkisser id-differenzi bejn il-klassijiet soċjali hekk li ħadha kontra missieru biex jgħin lill-bdiewa jakkwistaw l-artijiet li jaħdmu. Dan juri li l-klassi l-baxxa kellha tbati biex tasal fejn riedha tasal Mark-Antonin.

Ħafna mill-kandidati bdew l-argument tagħhom billi għamlu referenza għall-episodju tax-Xuxana fejn naraw li minħabba li Karmenu u l-familja tiegħu kienu ġejjin mill-klassi l-baxxa batew l-inġustizzja. Madankollu Karmenu ma qatax qalbu u beda mill-ġdid minkejja li l-awtoritajiet ma tawh l-ebda għajnuna jew protezzjoni. Semmew ukoll kif bis-saħħa tal-Ħarsa ta' Rużann, Karmenu fehem l-importanza tal-edukazzjoni u bagħat lil uliedu għand in-nuna biex b'hekk kif xtaqet Rużann, il-klassi l-baxxa ma tibqax nieqsa mill-edukazzjoni. Dak li beda Karmenu baqa' sejjer matul il-ġenerazzjonijiet li ġew wara permezz ta' Marija li għamlet minn kollox biex tibgħat lil uliedha l-iskola u kif din l-influwenza ta' Rużann baqgħet għaddejja billi Pietru, iben Marija jilħaq għalliem u aktar tard surmast, Pietru jiżżewweġ lil Salvina, għalliema bħalu. Imbagħad semmew lil bint Pietru, Ġina li kienet artista u bintha Luċija li tilħaq tabiba u tiżżewweġ inġinier. Dan juri ċar il-mixja twila li mexa l-poplu Malti biex titjieb il-qagħda soċjali Maltija u sseħħ l-emanċipazzjoni tal-mara.

Madankollu ftit kienu dawk il-kandidati li rreferew għall-irvell tas-Sette Giugno 1919 u dwar l-importanza ta' din il-ġrajja fil-mixja politika tal-poplu Malti minkejjali t-tilu kien jenfasizza dan.

Il-komponimenti fil-biċċa l-kbira tagħhom kienu maqsuma f'paragrafi u l-argument kien isegwi minn paragrafu għal ieħor. Ftit kienu dawk il-komponimenti li ma kellhomx paragrafi. Madankollu kien hemm ħafna żbalji tal-grammatika, sintassi u ortografija. Xi uħud mill-kandidati ħalltu l-ismijiet tal-karattri u qalu li Pietru hu iben Rużann u Ġina hija t-tifla ta' Pietru.

### Kummenti Ġenerali

B'mod ġenerali ħafna kandidati wieġbu tajjeb għall-mistoqsijiet. Il-forma, l-ortografija u l-grammatika ġew onorati ħafna. Kien hemm kandidati li tant taw dettall fl-ewwel żewġ taqsimiet, li saħansitra kitbu paragrafi sħaħ li kienu tajbin imma mbagħad donnhom indunaw li sar il-ħin u ma tawx ħin biżżejjed biex jirrispondu fid-dettall din it-taqsima. Kien hemm kandidati li sfortunatament għamlu għażla waħda ta' komponiment letterarju fit-tielet taqsima. Xi kultant ir-referenzi lejn ix-xogħlijiet letterarji ma kinux dawk mistennija u waqt li kien hemm xi kandidati li b'xi mod taw argumenti tajbin, kien hemm oħrajn li m'għamlux rabtiet tajbin. Xi kultant kien hemm introduzzjonijiet u konklużjonijiet mhux effettivi, ħafna drabi jerġgħu jinkitbu s-sentenzi mogħtija fil-mistoqsija bi ftit differenza – ripetizzjoni tal-istess introduzzjonjiet u konklużjonijiet f'komponimenti letterarji differenti. Xi drabi punteġġjatura nieqsa jew żbaljata. In-nuqqas ta' tqabbil bejn xogħol u ieħor fl-istess tweġiba inħass ukoll f'xi komponimenti.

## E. IT-TIENI KARTA B

F'din il-karta l-eżaminaturi innutaw żewġ estremitajiet. Kien hemm xi kandidati li, li kieku għamlu karta 2A kienu jmorru tajjeb ħafna għax il-ħiliet tal-Malti tagħhom kienu tajbin ħafna. Għall-kuntrarju kien hemm ħafna kandidati li ħallew ħafna mill-karta vojta. Dawk li tilfu ħafna marki kienu jidhru li kellhom nuqqas t'għarfien. Il-kandidati li għażlu li jagħmlu din il-karta, kienu jinħassu li għandhom ħakma aħjar tal-Ingliż milli tal-Malti. L-espressjoni batuta jew it-traduzzjoni diretta mill-Ingliż għall-Malti kienu xhieda ta' dan. Kien hemm numru konsiderevoli ta' kandidati li ma qrawx x'inhu mitlub minnhom fit-titlu rigward għażliet għaliex kien hemm min minflok għażel silta waħda (A jew B) kif kien mitlub, ippruvaw iwieġbu ż-żewġ siltiet. Minħabba f'hekk nħela l-ħin u xi kultant ma ġewx imwieġba l-komponimenti letterarji.

F'din il-karta numru kbir ta' kandidati ma kitbux x'taqsima u x'mistoqsija kienu qegħdin iwieġbu. Ħafna mill-kandidati ħadu r-referenzi għall-kuntest – kemm tal-poeżija kif ukoll tal-proża – bħala taħriġiet ta' fehem

il-qari aktar milli mistoqsijiet letterarji. L-iżbalji tal-kitba kienu ħafna, b'bosta kandidati jispellu ħażin ukoll kliem mogħti fil-mistoqsijiet.

Fejn jidħlu mistoqsijiet dwar metrika, terminoloġija letterarja u karatterizazzjoni, il-kandidati kollha kważi batew ħafna biex jispjegaw b'mod relevanti. Ħafna kandidati urew li jew mhumiex imħarrġa biżżejjed biex iħaddmu xejriet letterarji stilistiċi, jew jekk huma mħarrġa, urew nuqqas kbir ta' interess u impenn. Ħafna kandidati naqsu milli jagħmlu distinzjoni bejn poeta (kittieb ta' poeżiji) u novellist (kittieb ta' novella). Kienu ħafna kandidati li taw nofs tweġibiet jew ħallew barra xi partijiet mill-mistoqsijiet (speċjalment fir-referenzi għall-kuntest) saħansitra kien hemm numru ta' kandidati li ħallew barra taqsimiet sħaħ.

### Referenza għall-Kuntest (Il-Poeżija)

*Passaġġi* – Fl-ewwel mistoqsija, l-kandidati kellhom jgħidu x'inhi l-figura tat-taħdit li jħaddem il-poeta permezz tal-kelma 'passaġġi' u kellhom ifissru x'effett joħloq il-poeta permezz ta' din il-figura tat-taħdit. Kienu ftit ħafna li waslu għat-terminoloġija mistennija – il-metafora. Issemmew bosta terminoloġiji oħra bħal similitudni, personifikazzjoni, iperbole, epiżewski – terminoloġiji li ma jagħmlux sens fil-kuntest mitlub. Min-naħa l-oħra kien hemm kandidati li waslu biex jispjegaw li l-passaġġi huma l-esperjenzi li ngħaddu minnhom fil-ħajja. Numru inqas ta' kandidati li spjegaw aktar fid-dettall li dawn l-esperjenzi jistgħu jkunu pożittivi jew negattivi. Fit-tieni mistoqsija, l-kandidati riedu jfissru l-kuntrast li joħloq il-poeta fit-tielet strofa permezz tal-kelmiet 'fiduċjuż' u 'diżilluż'. F'din il-mistoqsija l-kandidati batew u l-aktar kandidati li wieġbu tajjeb huma dawk li almenu waslu jgħidu li l-esperjenzi pożittivi huma dawk li jġagħluk tittama filwaqt li l-esperjenzi negattivi huma dawk li jaqtgħulek qalbek. It-tielet mistoqsija stenniet lill-kandidat li jidentifikaw il-figura tat-taħdit li tinsab fil-frażi 'hemm oħrajn li toħroġ minnhom kollok grif' kif ukoll ifissru x'effett joħloq il-poeta b'din il-figura letterarja. Għal darb'oħra kienu ftit il-kandidati li identifikaw il-figura tat-taħdit bħala metafora imma kienu aktar il-kandidati li fehmu li li l-esperjenzi li toħroġ minnhom kollok grif huma dawk l-esperjenzi li jġagħluk tbati imma fl-istess ħin li jgħallmuk. Fir-raba' mistoqsija l-kandidati kellhom jagħtu l-ħsieb tagħhom dwar x'ried ifisser il-poeta bil-kelma 'infinit' fl-aħħar strofa. Din it-tweġiba ma ġietx imwieġba tajjeb minn bosta kandidati. Kandidati li ppruvaw jagħtu xi tip ta' tweġiba waslu biss biex jispjegaw b'mod litterali l-kelma infinit – xi ħaġa li ma tispiċċa qatt imma fl-ebda risposta ma kien hemm riferenza għal Alla. Fl-aħħar mistoqsija l-kandidati kellhom jiktbu dwar il-metrika li jħaddem il-poeta f'din il-poeżija. Ħafna mill-kandidati waslu biss għal din il-karatteristika - rima mqabbża. Il-kelmiet 'kwartini' u 'kwaternarji' xi kultant inkitbu minn xi kandidati imma wieħed seta' faċilment jinduna li l-kandidati ma jafux id-distinzjoni bejniethom.

*Refuġjata* - Fl-ewwel mistoqsija marbuta ma' din is-silta, il-kandidati kienu mitlubin ifissru x'inhi r-rabta bejn l-isem tal-poeżija Refuġjata u t-tema tal-poeżija. Ħafna kienu l-kandidati li b'xi mod spjegaw il-kelma refuġjata – l-idea ta' persuna li kellha titlaq minn pajjiżha minħabba li f'pajjiżha hemm nuqqas ta' stabbilità. Kien hemm oħrajn li semmew il-gwerra iżda r-rabta profonda bejn ir-refuġjata u l-instabbilità li ġġib magħha il-gwerra. Fit-tieni mistoqsija l-kandidati kellhom jidentifikaw il-figura tat-taħdit fil-frażi 'tittama fis-siġar taż-żebbuġ', ifissruha u x'effett jintlaħaq b'din il-figura letterarja. Għal darb'oħra ftit kienu l-kandidati li identifikaw b'mod tajjeb t-terminoloġija letterja addatta. Bosta termini letterarji oħra ġew miktuba. Ftit kienu l-kandidati li waslu biex jgħidu li l-weraq taż-żebbug huwa simbolu ta' paċi u kienu anqas il-kandidati li waslu biex jgħidu li tirrappreżenta x-xewqa tal-mara għall-paċi. Fit-tielet mistoqsija, il-kandidati kellhom jiktbu dwar il-kuntrast bejn ix-xewqa tal-mara tat-tined u x'għad irid jiġri biex forsi din ix-xewqa sseħħ. Kellhom jiktbu wkoll kwotazzjoni waħda biex issaħħu l-fehma tagħhom. Kienu ftit il-kandidati li waslu biex

fehmu li l-mara tat-tined tixtieq il-paċi u taf li biex jasal dan iż-żmien għad iridu jmutu ħafna nies. Ftit kienu li għażlu l-kwotazzjoni xierqa. Ħafna kienu li kitbu 'torturi', 'interrogatorji'. Fit-tieni mistoqsija l-kandidati kellhom jikkwotaw tliet kelmiet mit-tielet strofa li jagħti idea ta' vjolenza. B'mod ġenerali dawk il-kandidati li wieġbu, wieġbu b'mod tajjeb. Xi kultant kitbu aktar kliem imma s-sens kien hemm. Fl-aħħar mistoqsija, il-kandidati kellhom jikkummentaw dwar il-vers imħaddem f'din il-poeżija. Ftit kienu li waslu għall-fatt li l-poeżija hija miktuba b'vers ħieles. Punti oħra bħal versi ta' tulijiet differenti u nuqqas ta' rima ma ssemmewx.

## Referenza għall-Kuntest (Il-Proża)

*Bank* – Fl-ewwel mistoqsija relatata ma' din is-silta l-kandidati kellhom jiktbu dwar tifkiriet nostalġiċi kemm tan-narratur kif ukoll ta' Krazju Ebejer. Bosta kandidati wieġbu tajjeb imma b'mod limitat għal din il-mistoqsija. Ħafna kandidati jagħżlu li jwieġbu b'mod xott u jsemmu biss tifkira waħda b'konsegwenza li l-marki jitnaqqsu. Fit-tieni mistoqsija, il-kandidati kellhom jiktbu dwar kif jaħsbu li kienet ir-relazzjoni bejn Krazju u martu u kellhom jagħtu referenzi biex isaħħu dak li kitbu. Ħafna kandidati waslu biex jidentifikaw li r-relazzjoni bejn Krazju u Nina kienet waħda tajba, kollha mħabba, imma r-referenzi kienu fjakki. Fit-tielet mistoqsija l-kandidati kellhom ifissru x'effett joħloq in-narratur permezz tal-metafora 'jinsatru fl-istar kiebi tas-snin'. Fir-raba' mistoqsija, il-kandidati kellhom jidentifikaw x'figura tat-taħdit hija 'ħaddejha donnhom żewġ wardiet' u riedu jfissru l-effett li joħloq l-awtur b'din il-figura letterarja. Ftit kienu dawk li waslu biex jidentifikaw li din kienet similitudni imma mbagħad kienu aktar kandidati li għarfu li l-ħaddejn donnhom żewġ wardiet juru l-ġmiel ta' Nina. Fil-ħames mistoqsija, il-kandidati kellhom jiktbu żewġ kwotazzjonijiet li permess tagħhom naraw li Krazju beda jħossu qisu tifel. Ħafna kandidati waslu biss biex jidentifikaw din il-kwotazzjoni: 'Qagħad b'seba' għajnejn attent għal-lezzjoni'. Ħafna oħrajn ma tawx il-kwotazzjonijiet tajbin.

*Xtara l-Ħut fil-Baħar* – Fl-ewwel mistoqsija, il-kandidati kienu mitluba jikkummentaw dwar l-isem tan-novella Xtara l-Ħut fil-baħar jekk huwiex addattat għat-tema u kellhom jiktbu minn tal-inqas żewġ eżempji mis-silta biex isaħħu dak li kitbu. Kien hemm kandidati li waslu għal din il-mistoqsija b'mod limitat fis-sens li aktar semmew il-mumenti li juru kif Krazju kien fil-verità qed jibni kastelli fl-arja. Ir-relazzjoni tat-titlu mal-mod kif żvolġiet l-istorja qajla ingħatat importanza. Fit-tieni mistoqsija l-kandidati kellhom jiktbu x'kienu jissuġġerulu n-nies tar-raħal lis-Sur Tonino u jekk kinux jixtiqulu l-ġid jew le. B'mod ġenerali min wieġeb għal din il-mistoqsija wieġeb b'mod korrett. Fit-tielet mistoqsija l-kandidati kellhom jiktbu jekk jaħsbux jekk is-Sur Tonin kienx addattat għall-politika u kellhom isaħħu dan billi jisiltu tliet frażijiet jew sentenzi biex juru dan. Ħafna kienu li wieġbu b'mod tajjeb għall-ewwel parti filwaqt li l-kwotazzjonijiet mhux dejjem kienu kif kien mistenni. Fir-raba' mistoqsija, il-kandidati kellhom jiktbu jekk is-Sur Tonin kellux karattru sod jew dgħajjef u jirreferu għas-silta biex isaħħu l-għażla tagħhom. Bosta kandidati wieġbu b'mod tajjeb li s-Sur Tonin kellu karattru dgħajjef u xi uħud irreferew tajjeb mis-silta. Fil-ħames mistoqsija l-kandidati kellhom jiktbu dwar il-karattru ta' martu Ċikka meta n-narratur jgħid: 'martu għamlet tabirruħha li dendlet il-geddum u għalqet ħalqha'. Din il-mistoqsija donnha kkonfondiet lill-kandidati għax kienu ħafna li ma waslux biex jifhmu li Ċikka kienet qed togħġobha l-idea li tista' tħossha importanti bħala mara ta' politiku. Minflok il-kandidati wieġbu għall-fatt tal-bidu fejn Ċikka bdiet topponi għall-fatt li żewġha ħiereġ għall-politika.

## Il-Komponimenti Letterarji

*Bejn Ħaltejn* – L-aktar żewġ titli komuni kienu l-ewwel u t-tieni wieħed. Ħafna kandidati tilfu l-marki kollha assenjati għall-forma, ortografija u grammatika. Jidher biċ-ċar li l-kandidati mhumiex midħla sew tal-karattri u tas-suġġetti li fuqhom intalbu jiktbu. Dawk il-ftit kandidati li mad-daqqa t'għajn tara li kitbu u għamlu sforz, meta taqra x-xogħol tagħhom tintebaħ li baqgħu biss fuq il-qoxra ta' barra tal-proża, baqgħu fuq in-narrattiva. L-argumenti relevanti ta' ħafna mill-kandidati huma aktar marbutin mar-rakkonti varji

tal-ġrajjiet fin-novella aktar milli l-argument matur mitlub fil-mistoqsija. Ftit ħafna li jinżlu fir-ruħ profonda tal-letteratura. Ftit kienu l-kandidati li għamlu użu minn introduzzjonijiet u konklużjonijiet effettivi għall-komponimenti letterarji tagħhom. Ħafna mill-kandidati jagħżlu li kważi jirrepetu t-titlu jew idawruh ftit sabiex joħolqu introduzzjoni imbagħad jerġgħu jagħmlu l-istess biex jiktbu konklużjonijiet imqanżħa u fjakki.

Fl-ewwel mistoqsija fejn il-kandidati kellhom jiddiskutu kif isseħħ il-bidla f'uħud mill-karattri hekk kif naqraw fin-novelli Ċensina ta' Lino Spiteri u Jacqueline ta' Pierre J. Mejlak, ħafna kienu l-kandidati li tkellmu fuq kollox, fuq il-karatterestiċi li jsawru dawn il-karattri u fuq l-istorja imma ftit li xejn saret il-bidla li ssir fl-istorja. L-akbar nuqqasijiet f'din il-mistoqsija kienu dawn:

- Ħafna kandidati li jispiċċaw jirrakkontaw in-novelli fil-qosor. Dan flok jiffokaw fuq it-titlu li kien jitlob minnhom biex jitkellmu fuq il-karattri tan-novella u kif dawn jibdlu l-karattru jew l-atteġġjament tagħhom sal-aħħar tan-novella.
- Jiktbu esej fil-qosor. Minflok jiktbu madwar 200 kelma jispiċċaw jiktbu inqas minn 150 kelma.
- Xi kandidati minflok tkellmu dwar iil-karattru ta' Jacquline ta' Pierre J. Mejlak spiċċaw tkellmu dwar il-karattru ta' Ġeraldine ta' Trevor Żahra.
- Kandidati li jkollhom għarfien ta' xogħol letterarju wieħed, jitkellmu biss fuq dak ix-xogħol letterarju u l-ieħor ma jsemmuh xejn inkella kemm jgħidu li x-xogħol l-ieħor (li ma jkollhomx għarfien dwar) huwa bħal dak li jkunu ddiskutew.
- Kitbiet li jkunu kompletament barra mis-suġġett għax l-kandidati ma jkollhom l-ebda għarfien tax-xogħlijiet letterarji.

Fit-tieni mistoqsija fejn il-kandidati kellhom jiddiskutu dwar l-emozzjonijiet ewlenin li huma espressi fin-novella Firda minn Kelb ta' Ġużè Ellul Mercer u l-poeżija Niftakar ta' Anton Buttigieg, kien hemm kandidati li ktibu dwar it-tbatijiet li l-karattri prinċipali kienu qed jiffaċċjaw. Kien hemm kandidati li għamlu argumenti relevanti dwar it-telfa ta' xi ħadd verament għażiż. Ħafna kitbu paragrafu fuq kull test imma t-testijiet ma tqabblux b'mod parallel. L-akbar nuqqasijiet f'din il-mistoqsija kienu dawn:

- Sempliċiment rakkont tax-xogħlijiet letterarji minflok analiżi. B'dan il-mod it-titlu jitwarrab fil-ġenb u ssir taqsira tan-novella u tal-poeżija.
- Xi wħud tkellmu dwar il-poeżija Katrin tal-Imdina ta' Dwardu Cachia minflok dwar il-poeżija Niftakar ta' Anton Buttigieg.
- It-tul tal-kitba li jkun anqas minn 150 kelma, saħansitra anki kitbiet taħt il-100 kelma u b'dan il-mod il-marka tonqos sew minħabba li l-argumentazzjoni tkun batuta. Kitbiet fil-qosor ħafna drabi jkunu riżultat ta' nuqqas t'għarfien ta' xi xogħol letterarju li jitħalla kompletament barra.
- Xi kandidati li ma jkollhomx għarfien tax-xogħlijiet letterarji u jitkbu kitba kompletament barra mis-suġġett u bla ebda rabta max-xogħlijiet letterarji. Kandidati oħra li jħallu t-taqsima kompletament barra.

*Il-Ħarsa ta' Rużann* – Kien hemm bilanċ fl-għażla bejn iż-żewġ titli. Il-maġġoranza tal-kandidati li għażlu l-ewwel mistoqsija wieġbu b'mod tajjeb. Il-maġġoranza tal-kandidati li għażlu dan it-titlu dehru li fehmu sew il-karattru ta' Karmenu u għalxiex wassal dan, kif ukoll għamlu referenza għall-episodju tax-Xuxana. L-akbar nuqqasijiet f'din il-mistoqsija kienu dawn:

- Ħafna rakkonti ta' dawk il-partijiet tar-rumanzett ħafna qabel ma jissemma Karmenu. Biex jimlew, jibdew jirrakkontaw minn meta Rużann inqabdet tqila bih jew minn meta ltaqgħet ma' Mark Antonin. Dan minflok jiffokaw fuq kif kien irabbi lil uliedu, kif sofra l-attakk tax-Xuxana, kif ħareġ iktar b'saħħtu wara l-attakk, għaraf l-importanza tal-edukazzjoni għal uliedu u x'influwenza kellu dan kollu fuq bintu Marija u d-dixxendenti l-oħra (Pietru, Ġina u Luċija). Imbagħad Karmenu ssemma biss fl-aħħar tal-esej.
- Xi kandidati tkellmu biss fuq il-parti fejn jissemma Karmenu mingħajr ma għamlu enfasi fuq l-importanza ta' Karmenu għall-iżviluppi li seħħew wara.

F'dawn iż-żewġ każijiet naraw li xi kandidati mhumiex qed jiffukaw fuq it-titlu li jkollhom u mhumiex qed jagħrfu dawk il-partijiet tar-rumanzett li joqogħdu ma' dak it-titlu li għandhom.

Kien hemm min għażel it-tieni titlu u wieġeb b'mod tajjeb. Il-maġġoranza tal-kandidati għażlu li jwieġbu dwar Rużann u Mark Antonin. B'hekk urew sew ix-xebh u d-differenzi ta' bejniethom. Minkejja dan, kien hemm min għażel li jwieġeb dwar Rużann u Marija, Pietru u Karmenu u l-Baruni x-Xiħ u Mark Antonin. Minkejja li sabuha faċli biex juru l-karatteristiċi simili, sabuha diffiċli biex joħorġu l-kwalitajiet differenti u viċi versa; skont il-karattri magħżula. B'hekk intilfu l-marki għax parti mill-argument tat-titlu tħalla barra. L-aktar nuqqasijiet komuni kienu:

- Il-kandidati tkellmu fuq żewġ karattri b'mod separat minn xulxin.
- Ammont kbir ta' kandidati tkellmu biss fuq l-elementi komuni tal-karattri u ħallew barra d-differenzi. Dan ġara l-aktar meta għażlu mid-dixxendenti ta' Rużann. Eżempju jgħidu li Marija u Ġina, it-tnejn li huma ħadmu favur l-edukazzjoni u favur l-emanċipazzjoni tal-mara imma mbagħad ma jsemmux d-differenzi ta' bejniethom. B'hekk jiġu qed jirrispondu parti waħda biss mill-mistoqsija.

*Xi punti ġenerali dwar il-komponimenti letterarji:*

- Kważi kull kandidat jitlef il-ftit marki tal-ortografija u tal-grammatika.
- Issib esejs mimlijin żbalji grammatikali mill-bidu sal-aħħar.
- Hemm kandidati li ma jużawx paragrafi, speċjalment l-introduzzjoni u l-konklużjoni. Ħafna drabi l-introduzzjoni u l-konklużjoni jkunu kopja tat-titlu.
- Issib kandidati li l-kitba tagħhom mhux talli tkun taħt il-150 kelma imma jiktbu biss paragrafu ta' 40 kelma.
- Esejs sħaħ li ma juru ebda rabta mhux biss mat-titlu imma lanqas max-xogħlijiet letterarji.
- Il-livell f'Karta 2B kien baxx ħafna meta mqabbel ma' Karta 2A. Kien hemm ħafna taqsimiet sħaħ mhux imwieġba.

## F. KONKLUŻJONI

Dan ir-rapport jagħti stampa ta' kif marru l-kandidati f'din is-sessjoni fil-komponenti differenti tal-eżami. Ħaseb ukoll sabiex fejn meħtieġ jagħti suġġerimenti u rakkomandazzjonijiet utli għall-kandidati futuri.

Iċ-Chairperson
Il-Bord tal-Eżaminaturi 2024